MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' April, 2007

Talba Numru. 2403/2004

**Middle Sea Insurance Plc. (C-8614) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Frederick Cauchi u l-istess Frederick Cauchi (ID 230276 M)**
**Vs**
**Anthony Balzan**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li bih talab lit-Tribunal jiddikjara lill-konvenut bhala debitur fis-somma ta' hames mija u erba' u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm554.71) u dana in kwantu ghas-somma ta' erba mija u erba u hamsin lira Maltin u wiehed  sebghin centezimu (Lm454.71) lis-socjeta' assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) lill-attur l-iehor Fredrick Cauchi, rappresentanti danni li l-istess l-atturi soffrew meta l-konvenut Anthony Balzan waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru EBC 023 fil-1 ta' Dicembru, 2001 gewwa l-Mosta habat mal-vettura numru LAE 516

proprjeta’ ta’ Frederick Cauchi u kkaguna danni f’din l-istess vettura;

L-atturi jissottomettu li ghal dan l-incident huwa unikament responsabbli l-konvenut Anthony Balzan stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha eccepixxa illi:

a) ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni;
b) subordinarjament u minghajr pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni, l-ammont mitlub huwa esagerat u ma jirrifletix l-entita’ reali tad-danni;
c) Salva ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Ra x-xhieda ta’ PS 455 Emmanuel Sammut li kkonferma li hu kien mar fuq il-post u kien ghamel rapport hu stess. Jikkonferma li nizzel dak li kienu qalulu l-partijiet u kien ghamel skizz minhabba li ma kienx irrizulta li kienu tmissew il-vetturi.

Ra x-xhieda ta’ Frederick Cauchi li spjega li kien ghaddej wahdu fil-vettura tieghu Alfa Romeo 33 b’numru ta’ registrazzjoni LAE 516, fi triq il-Kostituzzjoni, fil-Mosta dirett lejn il-pjazza. Quddiemu kien hemm il-vettura tal-konvenut fuq in-naha tax-xellug tat-triq u kien qed isuq bil-mod, meta fil-pront, waqt li l-attur kien qed jaqbzu il-konvenut xeghel l-indicator u dar ghal fuq il-lemin;

Ix-xhud ikompli jghid li kien vicin tieghu hafna u brejkja, pero’ xorta habtu;

Ighid li kellu polza ta’ assikurazzjoni “comprehensive” mas-socjeta attrici. Kien hallas excess ta’ mitt Lira (Lm100) u s-socjeta’ attrici kienu hallsulu l-ispejjes u ssurrogawh fid-drittijiet;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Minhabba li l-konvenut naqas li jgib provi, partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fejn l-oneru tal-prova tal-istess jinkombi fuq il-konvenut eccipjent, it-Tribunal ser ikollu jimxi limitatament fuq il-provi migjuba mill-atturi nomine;

L-unika verzjoni tal-konvenut tikkonsisti fl-i*statement* li ta lill-membru tal-pulizija li ha r-rapport. Il-verzjoni tieghu u dik ta'l-attur Frederick Cauchi huma kontrastanti. Il-verzjoni ta' l-attur Cauchi hija li wara li qabez lill-konvenut, f'daqqa wahda dan ta' l-ahhar dawwar ghal fuq il-lemin tieghu, wara li xeghel l-indicator u peress li kienu vicin hafna ta' xulxin, kien inevitabbli l-incident, mertu tal-vertenza odjerna;

Il-verzjoni tal-konvenut hi li l-probabilita' kienet li Cauchi saq ghal fuqu. Madankollu, l-konvenut ma gab l-ebda prova in sostenn tat-tesi tieghu u ghalhekk bl-ebda sustanza, it-Tribunal jikkunsidra l-verzjoni tal-attur nomine bhala dik l-aktar kredibbli;

Bhala danni l-attur nomine qed jitlob l-ammonti segwenti s-somma ta' hames mija u erba' u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm554.71) u dana in kwantu ghas-somma ta' erba mija u erba u hamsin lira Maltin u wiehed  sebghin centezimu (Lm454.71) lis-socjeta' assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) lill-attur l-iehor Fredrick Cauchi;

Il-konvenut ghal darb'ohra ma gab l-ebda prova ta' kemm setghu jkunu eccessivi dawn id-danni. Madanakollu, l-attur nomine gab provi u ta gustifikazzjoni ghall-ammont tad-danni pretiz;

Ghaldaqstant, it-Tribunal jiddisponi mill-kaz prezenti billi jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-1 ta' Dicembru, 2001 u ghal dawn il-motivi jilqa' t-talbiet attrici u jordna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' hames mija u erba' u hamsin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm554.71) u dana in kwantu ghas-somma ta' erba mija u erba u hamsin lira Maltin u

wiehed sebghin centezmu (Lm454.71) lis-socjeta' assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) lill-attur l-iehor Fredrick Cauchi.

Bl-ispejjes kif mitluba u l-imghax mid-data ta' l-incident ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------